**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 370/2012**

**Illum: 29 ta' Jannar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Sabrina Caruana**
**(ID 303582(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Sabrina Caruana ta' 30 sena, bint John Mary u Agatha nee` Zahra, imwielda l-Pieta` fl-14 ta' Mejju 1982 u toqghod 66, Dar il-Hena, Triq il-Hammieri, Hal Qormi, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 303582(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Awwissu 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti mill-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami taghha, l-imputata wiegbet illi ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u li hija wiegbet li ma kinitx hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-21 ta' Awwissu 2012, il-Pulizija ta' Rahal Gdid gew infurmati mill-*control room* tal-habs, illi oggett suspettuz instab fuq il-persuna ta' detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Jirrizulta illi waqt *strip search* fuq certu Eman Zammit, wara li dan kellu vizita gewwa l-istess Facilita` mal-imputata odjerna ftit tal-mumenti qabel, instab oggett imkebbeb f'*tape* tad-dawl iswed, gewwa l-indument ta' taht tal-istess detenut. Sussegwentement, saret tfittxija fic-cella tal-istess Zammit, fejn instab *DVD player* li fih instab *mobile* tal-ghamla 'Samsung' flimkien ma' *charger*.[1] Bhala konsegwenza ta' din is-sejba gew investigati diversi persuni, fosthom l-imputata odjerna li rrilaxxjat stqarrija fl-istess jum gewwa l-Ghassa tal-Fgura.

Fix-xhieda tieghu, **ACO Frans Agius** jghid illi fil-jum in kwistjoni wara li ntemmet vizita bejn l-imputata odjerna u d-detenut Eman Zammit, waqt *strip search* fuq l-istess Zammit instab pakkett imdawwar fit-*tape* iswed gewwa l-qalziet ta' taht tieghu minn SCO Bonnici, fil-presenza tal-istess xhud. Jghid ukoll ix-xhud illi wara din is-sejba, fuq ir-*recording* mill-*control room*, huwa ra lill-imputata tohrog dan l-oggett mill-parti taghha u tghaddih lil Zammit. Jghid ukoll illi l-imputata kienet ilha tmur xi xahar tara lil Zammit gewwa l-habs.[2] Fix-xhieda tieghu **SCO Charles Bonnici** jikkonferma li fil-jum in kwistjoni waqt *strip search* fuq Eman Zammit, hekk kif dan tal-ahhar ghadda l-hwejjeg kollha tieghu lix-xhud, mohbi fl-inforra tal-qalziet ta' taht, huwa sab speci ta' kapsun bit-*tape* iswed tad-dawl. Mieghu kien prezenti l-Maggur Frans Agius.[3]

Dan il-pakkett imrembel f'*tape* iswed jidher fir-ritratti annessi mar-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia, a fol. 90 tal-process, fil-waqt illi l-kontenut tieghu jidher fir-ritratti sussegwenti a fol. 91 u 92 tal-process.

Mix-xhieda u mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[4], jirrizulta illi huwa nghata *envelope* kannella mmarkat S/B643/2013 li fih: (1) *Evidence bag* bin-numru B00957659 (2) *envelope* ta' lewn kannella immarkat "Pulizija vs Sabrina Caruana" li fih 6 qratas tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn kannella. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert, fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn

[1] Ara x-xhieda ta' CO 11 Mark Spiteri (a fol. 43 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 234 Anthony Tonna (a fol. 118 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 108 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 113 *et seq* tal-process.
[4] Ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 150 *et seq* tal-process.

kannella f'dan id-dokument instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 5.71 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputata **rrilaxxjat** stqarrija dakinhar stess tal-21 ta' Awwissu 2012 u dan wara li nghatat is-solita twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova u wara li nghatat id-dritt li tikkonsulta ma' avukat, liema dritt hija ghazlet li ma tezercitahx.[5]

Fl-istqarrija taghha, liema stqarrija giet iffirmata minnha, l-imputata tghid illi hija kienet saret taf lil Eman Zammit fuq *Facebook*, ghalkemm kienet diga` tafu qabel in konnessjoni mal-impjieg li kellha qabel. Tikkonferma li dakinhar stess hija kellha vizita ma' Zammit u mistoqsija dwar is-sustanza imgezwra go *tape* iswed li nstabet fuq il-persuna ta' Zammit hekk kif saritlu tfittxija wara l-vizita li hija kellha mieghu, hija twiegeb li din dahhlitha hi, li taf li kienet droga, izda ma tafx li kienet eroina. Tghid illi kienet ilha tmur tara lil Zammit il-habs ghal dawk l-ahhar xahar, xahar u nofs u ghalkemm kienet taf li Zammit kellu problema tad-droga, ma kinitx taf x'tip ta' droga kien jiehu. Tghid illi hi qatt ma hadet droga u li kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra qabel dakinhar fejn Zammit talabha jew ta struzzjonijiet biex iddahhallu droga gewwa l-habs. Tghid illi fl-ewwel zewg okkazzjonijiet, li kienu fix-xahar ta' Awwissu, dahhlet fil-parti taghha zewg bococ miksijin bit-*tape* abjad qisu tad-dawl u ftit izghar minn dawk li kienet dahhlet dakinhar. Biex tghaddi d-droga lil Zammit, kienet tohrog id-droga mill-parti taghha minn taht il-mejda u tghaddihielu f'idejh minn taht il-mejda. Hija tispjega kif kienet taghmel biex iggib id-droga minghand terza persuna (liema persuna kienet iccemplilha fuq il-*mobile* taghha min-numru 99667671) u li l-unika darba li hallset ghal din id-droga kien fil-jum ta' qabel, meta hallset €50. Meta murija l-*mobile Samsung* li nstab fil-pussess ta' Zammit, hija tikkonferma li dan il-*mobile* xtratulu hi bi flusha u li hallset €100 lil terzi biex l-istess *mobile* jiddahhal klandestinament il-habs. Tichad li kienet hija li taghmel l-arrangamenti ma' terzi sabiex iggib id-droga ghal Zammit u tghid illi kien Zammit li kien jaghmel il-kuntatti, imbaghad lilha kien jghidilha meta kienet ser iccemplilha t-tfajla li kienet tghaddilha d-droga. Tghid li Zammit kien icemplilha ta' spiss minn fuq il-*mobile* li xtratlu u li kienet taghmel vizita mieghu darba fil-gimgha. Tghid illi l-ewwel gimgha hallietlu s-somma ta' €60 u fit-tieni gimgha bejn €30 u €35. Tghid ukoll illi Zammit kien qalilha li bil-prezz ta' €100 seta' jirranga li tkun tista' tmur izzuru darbtejn minflok darba fil-

[5] A fol. 27 *et seq* tal-process.

gimgha u li kien qalilha biex taghti €100 lill-istess tfajla ghal dan l-iskop u li fil-fatt hija ghamlet dan wara li din it-tfajla cemplitilha jumejn qabel.

Din l-istqarrija giet guramentata mill-istess imputata fl-istess jum quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[6]

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri.[7] Hija tghid illi Zammit kien l-ewwel *boyfriend* taghha, li tqatta' hafna hin gewwa fuq il-*computer,* li ma tantx ghandha hbieb u li l-ewwel iltaqghet ma' Zammit in konnessjoni mal-impjieg taghha, imbaghad ghamel kuntatt maghha fuq *Facebook* waqt li huwa kien il-habs. Tghid illi hija waqfet tahdem xi erba' snin qabel[8] ghaliex ghandha problemi f'dahrha u ma tistax taghmel hin twil fuq saqajha. Tghid illi Zammit kien jogghobha fizikament, ghalkemm tghid ukoll illi kien possessiv hafna u li kien dejjem aggressiv maghha. Tghid illi Zammit beda jkellimha kuljum fuq il-*Facebook,* qalilha li kien qed jikkuntattjaha mill-habs u talabha biex tmur tarah. Kien jghidilha hafna kliem sabih u ta' zeghil u li x'hin johrog mill-habs jista' jkollhom futur flimkien. Tghid illi hija qatt ma kienet irceviet kumplimenti minghand ragel, li ghalhekk bdiet tarah bhala dak ir-ragel li qatt ma kellha, li hija ferhet meta huwa talabha biex tmur tarah il-habs u accettat. Beda jkollha l-*contact visits* ma' Zammit, kien ikellimha u jghidilha kliem sabih, talabha biex tmur tarah iktar spiss u qalilha li meta johrog mill-habs, ser ikunu flimkien. Tghid illi huwa kien possessiv, li jaghmel l-arja ma' kulhadd u li hija kienet mheddha minn Zammit, ghalkemm dan ma qalitux lill-pulizija meta giet arrestata ghaliex hija qatt ma kienet ghaddiet minn dawn l-affarijiet u bezghet. Tghid illi kienet tmur tarah darbtejn fil-gimgha, li Zammit kien jghidilha biex thallilu l-flus il-habs u li hija hekk ghamlet ghaliex kien jheddidha. Tghid illi daqqa kienet thallilu €30 u daqqa hallietlu €60 u li dawn kienet thallihomlu mill-flus li kienu jaghtuha l-genituri taghha u li kienet iggemma' ghaliex hija ma kinitx tahdem. Kienet thallilu l-flus darba fil-gimgha u gieli anke darbtejn. Tghid illi Zammit kien jghidilha illi jekk mhux ha taghmel dak kollu li jghidilha, kien ha jsib lill-genituri taghha u "*ha jtajjarhom minn nofs, ha joqtolhom*".[9] Wara l-imputata tghid illi Zammit ma kienx jheddidha biex thallilu l-flus, izda biex thallilu d-droga. Dwar il-flus, tghid illi hija kienet thallihomlu ghaliex Zammit kien jghidilha li ommu ma thallilux affarijiet, li ma kellux flus biex jixtri certu affarijiet u li hadd ma kien jghinu. Tghid illi qatt ma qalilha li kellu l-problema tad-droga, izda mbaghad beda jghidilha biex

---

[6] Ara a fol. 7 tal-process verbal esebit a fol. 42 tal-process.
[7] A fol. 165 *et seq* tal-process.
[8] L-imputata xehdet fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013.
[9] A fol. 174 tal-process.

iddahhallu d-droga gewwa l-habs, ghalkemm qatt ma semmielha xi droga kienet. Tghid illi hija ma accettatx li ddahhal id-droga u kien f'dan l-istadju li Zammit beda jheddidha waqt il-visti, billi jghidilha li kien ser itajjar lill-genituri taghha min-nofs, li ha joqtolhom. Tghid illi hija bezghet, li ghall-ewwel haditu bic-cajt, izda huwa qalilha li kien jaqblilha ma ticcajtax mieghu. Tghid illi Zammit kien jaghmel il-kuntatti u li mbaghad kienet iccemplilha persuna biex hija ossia l-imputata, tigbor il-pakkett minghandha. Tghid illi hija xtaqet ma taghmilx dawn l-affarijiet izda hija kienet imbezza', "*kont qeghda imwerwra minnu*".[10] Tghid illi f'okkazzjoni minnhom hallset €50 ghad-droga lill-fornitur taghha, xtrat *mobile* ghal Zammit u hallset il-linja, apparti €100 ohra lil terza persuna meta Zammit talabha dawn il-flus biex il-*mobile* jiddahhal il-habs. Tghid illi hija kienet taghtih kull ma kien jitlobha mill-ewwel ghaliex kienet imbezza' hafna. Tghid illi kif beda jakkwista l-affarijiet minghandha, d-diskors sabih da parti ta' Zammit waqaf. Tghid ukoll illi Zammit kien qalilha li seta' jirrangalha biex ikollhom izjed *contact visits* fil-gimgha u li biex jaghmel dan, kellha taghtih €100 ohra. U tghid "*U jiena litteralment blajtha biex ikolli cans aktar immur narah u ergajt ghaddejt mitt euro (€100)*"[11] lill-istess persuna li kienet tghaddilha d-droga. Tghid illi l-visti ma zdidulhiex. Tghid illi hija dahhlet tlett pakketti lil Zammit gewwa l-habs u li ghalkemm kienet taf li kienet droga, ma kinitx taf x'tip ta' droga kienet u lanqas ma kienet taf l-ammonti li kienet qeghda ddahhal. Tghid ukoll illi wara li giet arrestata, Zammit beda jcemplilha d-dar, mill-habs, izda meta wiegbet it-telefon hi, qatghetlu u ghamlet rapport lill-pulizija dwar dan. Tghid ukoll illi wara li Zammit hareg mill-habs, ipprova jikkomunika maghha darbtejn fuq *Facebook.* Tghid ukoll illi hija tircievi kura minghand Dr. Joseph Spiteri minhabba d-*depression* u li tiehu l-kura ghaliex tkun mugugha b'dahrha u li minhabba f'dan ma tistax tahdem. Tghid ukoll illi jiddispjaciha hafna dwar dak li gara.

Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mill-Maggur Frans Agius illi l-imputata halliet lil Zammit is-segwenti somom ta' flus gewwa l-habs: €30 fl-24 ta' Lulju 2012, fil-31 ta' Lulju 2012, fis-7 ta' Awwissu 2012 u fl-14 ta' Awwissu 2012 u €20 fit-30 ta' Lulju 2012.[12]

Mir-relazzjoni esebita minn Dr. Martin Bajada[13], jirrizulta illi huwa ghamel analizi *inter alia* fuq il-*mobile* tal-imputata u nizzel il-kontenut tal-messaggi fuq l-istess *mobile*. Jirrizulta illi kif tghid l-istess imputata, fl-istqarrija rilaxxjata minnha, fil-jum ta' qabel sehh il-kaz ossia fl-20 ta' Awwissu 2012, hija rceviet telefonata min-

---

[10] A fol. 179 tal-process.
[11] A fol. 185 tal-process.
[12] A fol. 221 tal-process.
[13] A fol. 51 *et seq* tal-process.

numru 99667671 ossia min-numru tal-persuna li hija tghid li kienet tforniha bid-droga ghal Zammit u dan meta fl-istqarrija tghid ukoll illi hija ltaqghet ma' din il-persuna proprju fil-jum ta' qabel sabiex tghaddilha d-droga, liema droga mbaghad l-imputata ghaddietha lil Zammit gewwa l-habs fil-21 ta' Awwissu 2012.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi in vista tal-provi mressqa, tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, ikkonfermatha minnha kif inghad bil-gurament u x-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, kif ukoll fid-dawl tar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta car illi nhar il-21 ta' Awwissu 2012, l-imputata dahhlet gewwa l-habs id-droga eroina u effettivament ghaddiet din id-droga lil Eman Zammit.

F'dan ir-rigward fix-xhieda taghha, f'dawn il-proceduri, l-imputata tghid illi hija giet mhedda minn Zammit sabiex iddahhallu d-droga u dan fis-sens illi huwa qalilha li kien ser joqtol lill-genituri taghha kemm il-darba hija ma taghmilx dak mitlub lilha. L-imputata tghid illi b'konsegwenza ta' dan it-theddid, hija kienet imwerwra minn Zammit. Tghid ukoll illi kull ma kien jitlobha kienet taghmlu, ghaliex hija kienet imbezza'. Issa dwar dan, il-Qorti tinnota illi l-imputata mill-ewwel ikkoperat bis-shih mal-pulizija meta giet arrestata, li mill-ewwel ammettiet l-involviment taghha kemm dwar din is-sejba kif ukoll dwar zewg okkazzjonijiet precedenti fl-istess xahar li fihom hija wkoll dahhlet id-droga lil Zammit gewwa l-habs u anke spjegat f'dettal kif u ma' min kienet tiltaqa' biex jipprokuralha d-droga. Fl-istess jum, imbaghad, l-imputata anke kkonfermat bil-gurament l-istqarrija taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Biss minkejja l-kooperazzjoni shiha taghha, l-imputata mkien ma' tghid f'din l-istqarrija jew sussegwentement meta giet biex tikkonfermaha bil-gurament, illi hija kienet giet mhedda minn Zammit jew li kienet imwerwra minnu. Anzi mill-provi jirrizulta l-kuntrarju. Jibda biex jinghad illi fit-tmiem tal-istqarrija taghha, l-imputata tghid illi jiddispjaciha ta' dak li ghamlet u "*issa qed nifhem il-gravita` tal-kaz*".[14] Dan juri fil-fehma tal-Qorti illi l-imputata ghamlet dak li ghamlet b'volonta` shiha, b'dan illi ma kinitx konsapevoli tal-gravita` u tas-serjeta` ta' l-azzjonijiet taghha. Anke meta giet biex tikkonferma l-istqarrija taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti, hija tixhed hekk: "*Nikkonferma ukoll li nghatajt l-opportunita` li nzied xi haga ohra ma' l-istqarrija u nghid li ma nixtieq nzied xejn aktar ghajr ghall-fatt li kieku kont naf il-gravita` tal-kaz, ma kontx naghmel dak li jien ghamilt*".[15] Anke hawnhekk ghalhekk, apparti li l-imputata baqghet ma qalitx dak li qalet fix-xhieda taghha

[14] A fol. 29 tal-process.
[15] A fol. 8 tal-process verbal esebit a fol. 42 tal-process.

f'dawn il-proceduri ossia li kienet giet mhedda minn Zammit, l-imputata tikkonferma li l-azzjonijiet taghha kienu purament volontarji, izda li ma kinitx konxja mill-gravita` taghhom. Ix-xhieda tal-imputata ghalhekk fis-sens illi hija ma qalitx dan fl-istqarrija taghha ghaliex hija ma kinitx taf kif jimxu dawn l-affarijiet u li bezghet, m'hijiex verosimili u lanqas kredibbli fic-cirkostanzi. Ma' dan il-Qorti zzid ukoll illi l-messaggi li l-imputata kienet tibghat lil Zammit fuq in-numru 99818814 (liema numru huwa mnizzel fil-*phone book contents* tal-*mobile* taghha hdejn il-kliem 'Eman 1'), kif rizultanti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, juru b'mod car illi l-imputata kienet kompletament infatwata b'Zammit u certament illi ma kinitx imbezza' jew imwerwra minnu.[16] Mhux talli l-imputata ma jidhirx li kienet imwerwra minn Zammit, talli hija stess tghid kemm fl-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda taghha illi hija hallset €100 lil terza persuna, fuq struzzjonijiet ta' Zammit, u dan sabiex Zammit ikun jista' jirrangalha biex tmur izzuru darbtejn u mhux darba fil-gimgha. Anke dan juri li l-imputata kienet temmen kull ma kien jghidilha Zammit u illi semmai kienet lesta li thallas il-flus – anke jekk ma kellhiex wisq – biex tqatta' izjed hin mieghu.

Imbaghad li l-imputata kienet kompletament infatwata minn Zammit huwa korroborat ukoll mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri, il-psikjatra kuranti tal-imputata, li xehed tliet darbiet f'dawn il-proceduri.[17] Dan ix-xhud jghid illi ghalkemm huwa beda jsegwi lill-imputata wara l-kaz odjern, irrizultalu b'mod car illi l-imputata kellha storja ta' tbatija fi tfulitha, kien hemm elementi ta' *bullying* u li hija zviluppat il-kundizzjoni tad-*depression*, apparti li kellha u ghad ghandha hafna mard fiziku u problemi konnessi mal-obezita` taghha. Skond ix-xhud, ghalhekk, l-imputata kien ikollha hafna problemi mill-aspett socjali, partikolarment biex ikollha *boyfriend*, li hija persuna vulnerabbli hafna u li mal-ewwel bniedem li tiltaqa' mieghu, hija tahseb li ghandha xi potenzjal ta' relazzjoni u "*tiggranfa mieghu bhal qarnita*".[18] Ix-xhud jghid ukoll illi tramite xoghlu, lil Zammit jafu wkoll u illi dan huwa bniedem manipulattiv hafna u l-fatt li l-imputata kienet diga` tafu qabel lil Zammit, irrenda izjed facli li hija tidhol f'dan il-komplott u taghmel dak li jghidilha hu. Meta rega' xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta, Dr. Spiteri li issa kien ilu jsegwi lill-imputata ghal madwar sentejn, jerga' jsostni illi l-imputata hija persuna vulnerabbli hafna, li qed tbati minn *post traumatic stress disorder* u *depression*, apparti mard fiziku, jerga' jitkellem dwar il-kapacitajiet kbar ta' Zammit li jimmanipula n-nies, li minhabba d-*deficit* kbir li ghandha fil-personalita` taghha, l-imputata m'hijiex kapaci tghid 'le', ghalkemm jippreciza wkoll illi bl-ebda mod ma kien qed jghid li m'ghandhiex il-kapacita` *di intendere e*

[16] Ara a fol. 65 sa 68 tal-process.
[17] Ara a fol. 75 *et seq* tal-process, a fol. 204 *et seq* tal-process u a fol. 209 *et seq* tal-process.
[18] A fol. 77 tal-process.

*di volere.* Jghid illi l-imputata kienet minghaliha li kellha relazzjoni ma' Zammit (u dan fil-fehma tal-Qorti, jidher car mill-messaggi li hija kienet tibghat lil Zammit u anke lil terzi dwaru), illi skond dak li qaltlu hi, qatt ma kellha *boyfriend* qabel u ghalhekk kien facli hafna ghaliha li hija tobdi fis-sitwazzjoni li kienet fiha. Jghid ukoll, b'referenza ghaz-zmien tax-xhieda tieghu, illi l-imputata ma kinitx kapaci tibni l-ebda forma ta' relazzjoni, ghaliex ghaliha l-futur kien spicca u dan minhabba l-fatt li minghaliha li kellha relazzjoni, meta minflok irrizulta li dan kien qed jghaddiha biz-zmien u juzaha ghall-iskopijiet tieghu.

Din ix-xhieda turi kemm fil-fatt l-imputata giet uzatha u manipulata minn Zammit ghall-iskopijiet tieghu, kemm l-imputata kienet vulnerabbli fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha u li kellha ghamad quddiem ghajnejha ghaliex kien minghaliha li sabet dak ir-ragel li qatt ma kellha. Hawnhekk m'ahniex nitkellmu dwar tfajla ta' tmintax-il sena, izda dwar mara ta' tletin sena li ma jirrizultax li qatt kellha relazzjoni qabel dan il-kaz. Fil-fehma tal-Qorti dan ikompli juri kemm fil-fatt kienet din is-sitwazzjoni u l-vulnerabilita` taghha illi wasslitha biex taghmel dak li ghamlet u mhux xi theddid da parti ta' Zammit, kif tallega l-imputata fix-xhieda taghha.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ma giex ippruvat lanqas sal-grad tal-probabbli illi l-imputata kienet dahhlet id-droga gewwa l-habs ghal Zammit ghaliex kienet giet mhedda minnu. Wara kollox, lanqas id-difiza stess ma jidher illi qeghda b'xi mod tibbaza l-kaz taghha fuq din il-parti tax-xhieda tal-imputata ghaliex fis-sottomissjonijiet taghha stess, id-difiza tghid hekk: "*Meta jkun hemm elementi fejn persuna tkun manipulata, hawn hekk mhux qed nghidu li kien hemm xi theddid u lanqas qeghdin b'xi mod nghidu ... li m'ghandhiex il-kapacita` di intendere u volere Sabrina Caruana. Xejn minn dan kollu ... Hawn hekk qed nghidu li hawn cirkostanzi umani li jimmeritaw li l-Qorti tkun klementi ma' Sabrina Caruana ...*".[19]

Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm l-imputata ammettiet kemm fl-istqarrija taghha, kif ukoll fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, illi hija dahhlet id-droga ghal Zammit fi tliet okkazzjonijiet u skond l-istqarrija taghha, tghid illi dan hija ghamlitu matul ix-xahar ta' Awwissu 2012, biss hlief dwar l-okkazzjoni tal-21 ta' Awwissu 2012, m'hemm l-ebda prova fl-atti illi effettivament fiz-zewg okkazzjonijiet ohrajn, hija kienet dahhlet droga eroina ai termini tal-ewwel imputazzjoni. Fil-fatt fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid sempliciment illi hija kienet taf li qeghda ddahhal id-droga gewwa l-habs, izda ma kinitx taf xi droga

---

[19] A fol. 258 tal-process.

kienet qeghda ddahhal, anke ghaliex ma kinitx taf x'tip ta' vizzju kellu Zammit, ghalkemm kienet taf li kellu problema ta' droga. Fil-fatt jirrizulta biss mix-xhieda tal-Ufficjali Prosekuturi illi nvestigaw il-kaz, illi l-imputata kienet b'kollox dahhlet madwar ghoxrin gramma eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fuq tliet okkazzjonijiet, liema xhieda madankollu jirreferu ghal dak li stqarr Zammit meta dan kien qed jigi investigat mill-pulizija u ghalhekk certament li din ma taghmilx prova fir-rigward tal-imputata odjerna. Dan ifisser illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tista' ssib lill-imputata hatja biss talli forniet id-droga eroina b'referenza ghall-okkazzjoni tal-21 ta' Awwissu 2012 u mhux ghax-xahar ta' qabel din id-data.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tirreferi ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, madankollu, l-att materjali jikkonsisti fid-dhul gewwa l-habs ta' medicina li tkun perikoluza ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew medicina kkontrollata taht il-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-21 ta' Awwissu 2012, l-imputata dahhlet id-droga eroina gewwa l-habs bi ksur ghalhekk ta' dan l-artikolu tal-ligi. Fir-rigward taz-zewg okkazzjonijiet precedenti, ghalkemm m'hemmx prova dwar x'tip ta' droga dahhlet l-imputata gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, biss b'ammissjoni taghha stess, f'dawn l-okkazzjonijiet, hija dahhlet id-droga u ghalhekk oggett projbit ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-imsemmi artikolu 7. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fir-rigward tal-21 ta' Awwissu 2012 u fix-xahar ta' qabel din id-data.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-gravita` tal-kaz odjern u illi fl-okkazzjoni tal-21 ta' Awwissu 2012, l-imputata dahhlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni – ben 5.91 gramma eroina, ammont dan illi anke fit-triq ma jistax jinghad illi huwa xi ammont negligibbli, izjed u izjed gewwa l-habs.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss hija kkoperat bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u anke rrilaxxjat stqarrija guramentata ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tant illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex bis-sahha tal-koperazzjoni tal-imputata, il-Pulizija Ezekuttiva waslet ghal terzi persuni, fosthom anke persuna li sa dakinhar kienet skonoxxuta lill-Pulizija u l-Prosekuzzjoni ddikjarat li behsiebha tressaq proceduri fil-konfront

taghhom hekk kif jigu konkluzi l-proceduri odjerni.[20] Ghaldaqstant, anke wara li kkunsidrat il-livell ta' koperazzjoni tal-imputata, il-Qorti tqis illi l-piena ta' prigunerija ghandha titnaqqas b'zewg gradi, fil-waqt illi l-piena pekunjarja ghandha titnaqqas b'nofs ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101.

Qieset ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni, il-fedina penali tal-imputata kienet wahda netta, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha li wasslu ghal dan il-kaz u b'mod specifiku x'wassal lill-imputata sabiex taghmel dak li effettivament ghamlet. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tiehux qies tax-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri li diga` saret referenza ampja ghaliha izjed 'il fuq u kif l-imputata spiccat f'din is-sitwazzjoni tista' tghid tragika ghaliha, sforz tal-ingenwinita` u l-vulnerabilita` taghha u sforz ukoll tal-manipulazzjoni li ezercita fuqha Zammit, li sfruttaha kemm felah. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) li ghamlet referenza ghalihom id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ossia s-sentenzi fl-ismijiet **Pulizija vs Isabelle Brincat** tal-14 ta' Marzu 2013 (Appelli Kriminali numru 273/10, 274/10, 275/10 u 276/10). F'dawn is-sentenzi il-Qorti qalet hekk dwar ic-cirkostanzi tal-appellanti f'dak il-kaz:

"*Din il-Qorti tirrikonoxxi mill-bidunett illi l-appellanta ghandha cirkostanzi socjali partikolari. Irrizulta illi dina zzewget persuna, Raymond Brincat, illi kien qed isofri minn dipressjoni. Wara z-zwieg dan l-istat kompla aggrava ruhu. Di più, wahda mill-ulied tal-koppja Brincat giet iccertifikata li tbaghti minn elementi ta' autistic spectrum disorder. F'dawn is-sitwazzjonijiet negattivi u difficli ghall-appellanti, irrikorriet ghall-alkohol. Sfortunatament b'karattru tant fragli f'sitwazzjoni emozzjonali difficli l-appellanta iltaqghet ma' persuna bl-isem ta' Reginald Bugeja, li ma kienx ta' karattru tajjeb u l-unika hsieb illi kellu kien illi jisfrutta s-sitwazzjoni difficli tal-appellanta sabiex jintruduciha fid-dinja tad-droga. Peress li dan Bugeja kien digà qed jiffaccja proceduri legali, f'okkazzjoni minnhom, fis-sebgha (7) ta' Ottubru tal-elfejn u hamsa (2005), ghaddiet droga fl-awla tal-Qorti lil Bugeja, però dina giet intercettata mill-pulizija. F'okkazjonijiet ohra, fit-tnax (12) ta' Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005), fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tal-elfejn u hamsa (2005), u bejn Settembru u Novembru tal-elfejn u sitta (2006) giet intercettata illi tghaddi d-droga lil Reginald Bugeja fil-habs civili ta' Kordin.*

*L-appellanta qatt ma kisret difrejha mal-ligi hlief f'dawn l-okkazjonijiet sforz tal-perzwazjoni u konvinciment ta' Reginald Bugeja illi kien ta' influwenza negattiva*

[20] Ara x-xhieda tal-Ispettur (illum Supretendent) Dennis Theuma, a fol. 30 *et seq* tal-process.

*fil-hajja tal-appellanta. Din is-sitwazzjoni giet riflessa fix-xhieda u fir-rapport tal-ufficcjal tal-probation Marietta Lanzon, liema rapport fih gabra ta' informazzjoni dwar ic-cirkostanzi tal-appellanta, minn xhiex ghaddiet u x'ghajnuna kellha u forsi ghad ghandha bzonn.*"

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet biex tapplika l-minimu possibbli tal-piena ta' prigunerija mandatorja li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, kien jammonta ghal piena ta' xahar prigunerija ghal kull kaz li dwaru tressqet l-appellanti.

Il-Qorti tqis illi c-cirkostanzi tal-kaz appena citat huma simili ghal dawk tal-kaz odjern u jidhrilha li ghandha tkun klementi mal-imputata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 u l-Artikoli 17(b), 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha (b'dan illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni qed issibha hatja biss fir-rigward tal-21 ta' Awwissu 2012 u mhux fir-rigward tax-xahar ta' qabel din id-data) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannaha ghall-piena ta' **tliet (3) xhur** prigunerija effettiva – mil-liema ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja kienet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz – u **multa ta' erba' mitt Euro (€400)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja fi zmien sena mil-lum. B'dan illi jekk hija tonqos milli thallas dan l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, l-istess ammont jew kwalsiasi bilanc rimanenti jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, kif ukoll fil-mori tal-proceduri odjerni u dan fis-segwenti mod: terz tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u sittin Euro u erbgha u disghin centezmu (€165.94), nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia ammontanti ghas-somma ta' wiehed u sebghin Euro (€71), nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 404 Paul Camilleri ammontanti ghas-somma ta' erbgha u tletin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€34.41) u nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija u tlettax-

il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€113.87). Dawn l-ispejjez ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, hamsa u tmenin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€385.22) ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mil-lum.[21] B'dan illi kemm il-darba hija tonqos milli thallas dan l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, kwalunkwe bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja li ghandha bzonn, inkluz jekk tinhass il-htiega mill-professjonisti li qeghdin isegwuha, b'mod partikolari l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, billi hija tiskonta l-piena hawnhekk erogata gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[21] Il-Qorti m'hijiex qeghda tordna lill-hatja thallas l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia u dan stante illi l-ezamijiet ta' komparazzjoni maghmula mill-istess espert irrizultaw fin-negattiv. In oltre il-Qorti qed tordna lill-hatja thallas nofs l-ispejjez tal-esperti (hlief tal-espert Dr. Martin Bajada) ghaliex il-kaz kien jinvolvi sejba fuq terza persuna.